MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL GHAT-TALBIET IZ-ZGHAR

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Appell Civili Numru. 1542/2000/1

**Grima Communications Ltd**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti;**

## PRELIMINAR : L-AVVIZ PROMOTORJU

1. Is-socjeta' appellanti pprocediet b'talba quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar sabiex il-konvenut jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmi (Lm102.40) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' reklami trasmessi fuq l-istazzjoni LIVE FM matul 1998 li baqa' ma thallasx.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT

2. Il-konvenut eccepixxa illi l-ammont mhux dovut stante illi s-socjeta’ attrici naqset milli tonora l-obbligi taghha naxxenti mill-iskrittura privata tal-4 ta’ Frar, 1998.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar tas-26 ta’ Ottubru, 2001 fl-ismijiet premessi, t-Tribunal cahad it-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez hlief ta’ dak ta’ sentenza preliminari.

**L-APPELL TAS-SOCJETA’ ATTRICI**

4. Is-socjeta’ attrici hasset ruhha aggravata b’din id-decizjoni u minna interponiet appell a bazi tal-Artikolu 7(1) u 8(1)(d) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq l-aggravji segwenti :

Illi t-Tribunal ma kienx imparzjali u mar serjament kontra dettami tal-Ekwita’ meta injora l-fatt illi s-socjeta’ appellanti kellha f’idejha kuntratt legali u validu.

Illi l-konvenzjoni ta’ bejn il-partijiet ghandha forza ta’ Ligiu l-Ekwita’ tesigi rispett u protezzjoni tad-drittijiet kuntrattwali.

Illi d-drittijiet tal-esponenti ma gewx protetti mit-tribunal meta laqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut illi reklami ma xxandrux jew li ma gewx trasmessi f’hin li kien miftiehem bejn il-partijiet meta l-konvenut ma gab ebda prova ta’ l-allegazzjoni tieghu.

Illi t-Tribunal ma kienx imparzjali mal-attur fuq l-oneru tal-prova, ghax ghalkemm huwa minnu illi min jallega jrid jipprova, huwa principju antikissmu li galadarba l-konvenut jichad l-allegazzjoni tal-attur, imbaghad f’dawn ic-cirkostanzi l-obbligu li jipprova l-kontenzjoni tieghu jaqa’ fuqu.

Jirrizulta mill-process li filwaqt li l-attur xehed illi r-reklami saru u ssustanzja dan bil-fatturi li x-xhud tieghu Michael Zammit esebixxa fil-process u stqarr li hu (Zammit) kien

qed regolarment jirrilaxxa lill-konvenut ghal hlas tar-reklami li jkunu hargu on air, kull ma ghamel biex jipprova l-kontenzjoni tieghu l-konvenut kien li offra x-xhieda tieghu u semplicemet qal li reklami ma sarux.

Ghat-Tribunal, b'daqshekk biss il-konvenut irnexxielu jinnewtralizza l-import ta' kuntratt validu w legali, minghajr ebda bzonn li jghid jew igib xejn izjed bhala prova tal-kontenzjoni tieghu.

Dan in-nuqqas ta' xi korrobarazzjoni ta' dak li qal min-naha tal-konvenut huwa aktar lampanti meta jirrizulta mix-xhieda tieghu stess illi l-konvenut kellu salesgirl tahdem fil-hanut tieghu, li seta' telaghha biex jixhed jekk qatt semghet jew jekk kienitx taf li l-hanut kien qed jigi reklamat fuq l-istazzjoni LIVE FM, izda dan ma ghamlux, anzi, waqt il-kontro-ezami lill-avukat tal-attur qalilha li ma jafx l-indirizz ta' din il-persuna.

Illi fin-nuqqas tal-konvenut illi jgib prova biex jikkorrobora l-kontenzjoni tieghu, allura t-Tribunal jekk kellu xi dubbju minkejja li l-attur issostanzja t-talba tieghu bil-fatturi rilaxxati flimkien max-xhieda ta' Michael Zammit, kellu f'dawn ic-cirkostanzi jaghti l-beneficcju tad-dubbju lill-attur u mhux semplicement jghid illi l-attur ma rnexxielux jipprova t-talba tieghu.

Illi l-fatturi li kienu qed jigu rilaxxati mill-attur tramite il-Commercial Services Bureau kellhom jittiehdu bhala prova adegwata li r-reklami xxandru kif juru dawn il-fatturi. Dan aktar u aktar meta wiehed jiftakar li l-konvenut qatt ma pprotesta l-fatturi li kien qed jircievi qabel saret il-kawza.
Ghaldaqstant is-socjeta' attrici appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar tas-26 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet premessi u tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-appell in ezami jikkoncerna azzjoni ghal hlas bilancjali fl-ammont ta' Lm102.40c in konnessjoni ma' prezz ta' reklamar bir-radju fuq l-istazzjoni LIVE FM li allegatament is-socjeta' attrici appellanti ssostni li ghalkemm xandrithom kif suppost baqghet ma thallsitx fuqhom.

Il-kontroparti eccepiet il-preskrizzjoni, li giet pero' michuda b'sentenza in parte moghtija fit-30 ta' Lulju 2001 u fil-meritu billi sostniet li r-reklami ma kienux qed jigu trasmessi jew inkella kienu trasmessi f'hin li ma kienx dak miftiehem bejn il-partijiet.

B'sentenza ulterjuri tat-30 ta' Lulju 2001 l-ewwel Tribunal iddecieda kontra s-socjeta' attrici appellanti billi rritjena li hija ma rnexxielhiex tipprova soddisfacentement li hija effettivament ipprovdiet is-servizz li tieghu talbet il-hlas.

6. L-aggravju tas-socjeta' attrici hu dak li, skond hi, "it-Tribunal ma kienx imparzjali u mar serjament kontra dettami tal-ekwita' meta injora l-fatt li s-socjeta' appellanti kellha f'idejha kuntratt legali u validu".

Din il-Qorti qieset l-aggravju tas-socjeta' attrici appellanti u fil-fehma taghha jidhrilha li essenzjalment l-appell u bbazat fuq il-lanjanza li t-Tribunal de quo ghamel apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemu – haga li certament ma kienx wiehed imparzjali jew li mar kontra xi dettami ta' l-ekwita'.

7. Illi b'certu ammont ta' tigbid jista' forsi jinghad li l-appellant ressaq punt ta' dritt fis-sens li skond is-socjeta' attrici kien hemm fatti li proceduralment kienu jispettaw lill-kontroparti konvenuta li tippruvahom. Din il-Qorti mhijiex ser tmur kontra l-prassi stabbilita li fejn si tratta ta' evalwazzjoni u apprezzament ta' provi hija ma tiddisturba qatt leggerment dak l-ezercizzju li jkun sar mill-ewwel Qorti jew Tribunal. Minbarra dan, galadarba huwa l-attur li qieghed jallega xi haga u mhux bil-maqlub, jibqa' dejjem fuqu l-oneru tal-prova. Il-konvenut proprjament qieghed jinnega li gie moghti s-servizz li l-appellant jallega li pprovdielu u "ei incumbit probatio qui dicit non ei qui

negat." Bil-mod kif it-Tribunal qata' l-kaz ma kienx ifisser li dan injora l-fatt li s-socjeta' appellanti kellha kuntratt legali u validu. Dan il-fatt qatt ma kien in kontestazzjoni. Is-socjeta' appellanti allegat li hija forniet servizz ta' pubblicita' "on air" lill-konvenut kif mifitehem bejniethom filwaqt li l-konvenut qieghed jinnega li dan sar. Fic-cirkostanzi l-prova tal-fatti kienet maggorment tispetta li ssir mill-appellanti. It-Tribunal, wara li jidher li evalwa l-provi prodotti, ma kienx soddisfatt li din il-prova saret. Id-decizjoni tal-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppa Fenech vs Geraldu Cassar" moghtija fl-4 ta' Gunju 1986 hija l-eccezzjoni ghar-regola u din is-sentenza apparti l-fatti specje partikolari ta' dak il-kaz li kien jirrigwarda kommodat, tistrieh fuq dak li kiteb l-awtorevoli Phillips (ara Treatise on the Law of Evidence fis-sens li "Although in general it is necessary for a party who brings an action to prove all the material facts which he alleges in support of his claim; yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defandand's liability, then the burden of proof lies on the defendant, not upon the plaintiff."

8. Fil-kaz in ezami ma kienx sufficjenti ghas-socjeta' appellanti li tirreferi ghall-kuntratt u li hija kienet baghtet kontijiet lill-konvenut. L-ewwel kien jinhtigilha tistabbilixxi u tipprova almenu fuq bazi ta' probabilita', "all the material facts which he alleges in support of his claim" – haga li ma tirrizultax li saret. Jekk imbaghad l-appellant hass li setghu jittellghu persuni ohrajn biex jixhdu, dan kien jispetta lilu u mhux lil minn min qieghed jichad. Wara kollox, din il-Qorti tinnota wkoll li x-xhud Michael Zammit ma setax jikkonferma "di propria scienza" li r-reklamar sar kif suppost. Hu xehed li huwa kien johrog il-kontijiet (fol. 15 tal-process),

"….. skond il-'logs' tar-reklami li jaghmel l-istation manager."

La xehed pero' dan il-manager ta' l-istazzjon u lanqas ma tressqet il-prova li tistabbilixxi sew il-fatt li r-reklamar sar kif kien gie miftiehem. Illi minn dak li kkostatat din il-Qorti, dan la kien kaz ta' nuqqas ta' imparzjalita' u lanqas ta'

nuqqas ta' tharis tad-dettami ta' l-ekwita'. Ebda wiehed mill-aggravji tas-socjeta' appellanti ma jirrizulta fondat.

Ghal dawn il-motivi ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' attrici appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg
mg